**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dottor Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Avviz Numru: 92/18 GM**

**Josianne Portelli**

**vs.**

**Antoine Borg et**

Illum is-26 ta' Ottubru 2020

Il-Qorti

Rat l-avviz tar-rikorrenti tal-12 ta' April 2018 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tikundanna lill-intimati Antoine Borg u Ruth Dingli ihallsuha s-somma ta' € 7,055 rapprezentanti flejjes li r-rikorrenti tishaq li kienet halsithom ghal xoghol ta' bini fil-fond 30, Tria San Frangisk, Marsa, mil-liema xogholijiet saru biss parti zghira.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-kawza, u bl-imghax mill-24 ta' Settembru 2016 fl-oghla rata permessa mil-ligi, sad-data tal-pagament effetiv.

Rat illi wara r-rikorrenti nghatat l-awtorizzazzjoni a tenur ta' l-artiklu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'digriet ta' din il-Qorti ta' l-4 ta' Dicembru 2018 sabiex tinnotifika lill-intimati bil-procedura ta' l-affissjoni u publikazzjoni, saret l-affissjoni fir-rigward ta' l-intimat Antoine Borg fil-5 ta' Frar 2019, filwaqt li l-avviz gie ippublikat fil-gazzetta tal-Gvern 8 ta' Frar 2019.

Rat illi peress illi a tenur tal-istess artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligjijiet ta' Malta, n-notifika ghandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xoghol wara l-ahhar data meta tkun giet pubblikata jew minn meta tkun twahhlet il-kopja, skont liema tigi l-aktar tard rat ukoll li l-affissjoni fir-rigward ta' l-intimata l-ohra Ruth Dingli saret fil-5 ta' Marzu 2019 u l-avviz f'dan ir-rigward gie pubblikat fil-gazzetta tal-Gvern fid-9 ta' April 2019.

Rat illi r-rikorrenti esebit estratt fil-gazzetta lokali datata 26 April 2019 fit-termini tal-procedura taht l-artikolu 187(3) tal-Kapitoli 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2019, ghalkemm ma giex verbalizzat li l-intimati ma dehrux, mill-atti jirrizulta li l-istess intimati qatt ma dehru f'din il-kawza, ma pprezentaw ebda risposta, u b'hekk il-kawza baqghet mhux kontestata.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif diversament ippreseduta permzz tad-digriet ta' l-1 ta' Jannar 2020 mill-Prim Imhallef Emeritus Joseph Azzopardi LL.D.[1]

Rat illi waqt l-istess udjenzatal-11 ta' Frar 2020, il-konvenuti regghu ma dehrux u l-abbli avukat attur iddikjarat illi l-attur ma ghandhux iktar provi xi jressaq.[2]

Rat illi ghalkemm il-kawza giet imhollija ghan-nota ta' sottomissjonijiet, l-konvenuti ma pprezentawx nota ta' sottomissjonijiet u ghalhekk halliet il-kawza ghas-sentenza in difett ta' ostaklu;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha in atti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza u ma jirrizultax illi saret xi talba ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza jew li hemm xi impediment iehor ghall-ghoti tas-sentenza illum;

**Ikkunsidrat:**

[1] Folio 81 ta' l-atti processwali
[2] Folio 83 ta' l-atti processwali

Illi b'din l-azzjoni r-rikorrenti qeghda titlob il-hlas ta' somma rapprezentanti flus imhallsa ghal xoghol ta' kostruzzjoni li kellu ssir gewwa il-fond 30, Triq San Frangisk, Marsa, liema xoghol sar parti zghira minnha biss.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-affidavit ta' Josianne Portelli[3] jirizulta li r-rikorrenti kienet taf lil Twanny Borg li jigi missier Antoine Borg minn fuq il-post tax-xoghol taghha. Lil Twanny Borg kienet infurmatu li kienet xtrat post bl-indirizz 30, Triq San Frangisk, il-Marsa u li xtaqet izid sular u taghmel xoghol ta' bini. Twanny Borg kien infurma li ghandu lil ibnu bennej u li seta' jzommilha inqas flus minn haddiehor u jifrankalha flus peress li jigi ibnu.

Konsegwentement Portelli kienet qabdet lil Antoine Borg wara li kien ra il-post, tkellmu fuq ix-xogholijiet li kienu ser issiru, ftehmu li ha jibda f'Settembru 2016 u ta' stima li x-xogholijiet b'kollox li jinkludu ta' idejh u l-materjal kienu ser ikunu ta' tnax il-elf Ewro (€12,000).

Borg kien talabha sebat elef Ewro (€7,000) biex tibda, izda r-rikorrenti kellha biss erba' telef u tmien mitt Ewro (€4,800) dak iz-zmien u Borg kien accetta din is-somma. Portelli kienet itrasferit

[3] Dok A, Folio 50-54 ta' l-atti processwali

dan l-ammont f'isem Ruth Dingli[4], is-siehba ta' Borg fuq talba tieghu u dak inhar stess ghaddietlu c-cavetta tal-propjeta taghha.

Dakinhar stess, ir-rikorrenti ghamlet *standing order* sabiex kull xhar l-ammont ta' erba mitt Ewro (€400) jibda jghaddi ghand Ruth Dingli bhal kontinwazzjoni tal-hlas ghax-xogholijiet.[5]

Borg kien sussegwentement beda xi xoghol xhar wara li kienu miftehma. Darba minnhom wara li kienet ghamlet ix-xita, beda diehel gelgul ta' ilma mill-propjeta taghha ghal propjeta tal-gar taghha Guza Camilleri. Portelli cemplet lil Borg dak in-nhar stess u minkejja li kien qalilha li ser immur il-post baqa qatt ma mar u r-rikorrenti kellha tibqa tmur ghand il-gar taghha tixxutalha l-ilma kull darba li taghmel ix-xita.

Xi xhar wara, fuq talba ta' Borg, Portelli ghaddietlu mitejn u hamsin Ewro (€250) cash personalment sabiex igibulu r-ramel sabiex ikun jista jaghlaq id-divizorji li kien haffer.

Drabi ohra Borg kien talab lil rikorrent diversi ammonti sabiex ihallas ghal xi materjali biex ikompliha x-xogholijiet taghha tal-gebel. Omm ir-rikorrenti kienet kull darba tmur thallas ghal dawn l-ammonti mitluba.[6]

---

[4] Dok JP1, folio 55 ta' l-atti processwali
[5] Dok JP2, Folio 56-58 ta' l-atti processwali
[6] Dok JP3, JP4, JP5, JP6, Folio 59-62 ta' l-atti processwali

Fil-fratemp, ir-rikorrenti baqat taghmel pagamenti lil Ruth Dingli fil-kont taghha ghax-xogholijiet.[7]

Irrizulta li Borg ma kienx qed jibni skond il-pjanta jew is-sengha u l-perit infurma lil Portelli li ma kienx ser japprova x-xoghol ta' Borg jew jirrifma l-istess pjanta.

Darba minnhom Portelli marret fuq il-post taghha u sabiet il-kaxxi fejn kellha l-kamra tal-banju taghha vojta. Borg spicca jammetti li kienu ghand missueru u meta Portelli marret tigborhom minnghand missieru, kien hemm Ruth Dingli li rritornathomlha.

Wara dan l-incident, ir-rikorrenti waqqfitu milli jkompli x-xogholijiet fil-propjeta taghha u talbitu ghal flus lura. Perit li kienet qabdet ir-rikorrenti stmalha x-xogholijiet li kienu saru ghal seba' mija u hamsin Ewro (€750).

Minkejja li r-rikorrenti baghtet lil Borg u Dingli zewg ittri ufficjali, l-intimati baqghu ma ghamlu xejn u ghalhekk ir-rikorrenti kellha tirikorri ghal dawn il-proceduri.

Illi mill-affidavit ta' Anna Portelli[8], omm ir-rikorrenti jirrizulta li bintha Josianne Portelli kienet xtrat propjeta l-Marsa f'Ottubru ta' 2013. Dan il-post kellu bzonn certu xogholijiet u l-ewwel hsieb kien li ssir xi xoghol ta' bini. Saret taf lil Borg minn missieru

[7] Dok JP7 u JP8, Folio 63 u 64 ta' l-atti processwali
[8] Dok B, Folio 65-68 ta' l-atti processwali

Twanny Borg, li kien jifrekwenta l-post tax-xoghol taghha u jiehu hsiebha.

Wara li kien sar l-ftehim biex jibdew, Anna Portelli kienet tinzel tiehu interess kull meta kien issir xi xoghol. B'kollox Antoine Borg mar xi hames darbiet u dejjem kien hemm hi prezenti. Kien hemm xi drabit li marret u sabitx lil Borg hemm minkejja li kien qal li kien ser immur.

Darba minnhom Borg qatt jurilha trinka li kien hafer. Dak il-lejl kienet ghamlet maltempata u minn din it-trinka kien dahal hafna ilma ghand il-gar li kienet tghix taht. Wara li thabbtu hafna ma Borg biex jirranga din it-trinka kien gie xhar wara, u dan wara li fil-fratempt kien hemm iktar maltempati.

Tul dan il-perjodu, Borg dejjem baqa isaqsiha lil Josianne ghal aktar pagamenti sabiex ikun jista jixtri materjali u jkompli bix-xogholijiet. Uhud minn dawn il-flejjes kienu imhallas minn Anna Poretelli ghaliex kienet sellfet dawn l-ammonti lil bintha.

Darba minnhom Borg kien bena kamra minghajr hadd ma talbu li ma kienitx skond is-sena u lanqas biss accessibli.

Minkejja li darba minnhom bintha qaltlu biex jieqaf, Borg ikkonvinciha biex tkompli. Sadanitant bintha baqat thallsu fil-kont ta' Ruth Dingli u Josianne Portelli baqat thallsu flus kontanti ghal xi materjal u xorta baqa ma jaghmel xejn.

Darba minnhom bintha skopriet li xi hadd hadilha l-kamra tal-banju. Meta kelmet lil Borg beda iwahhal f'haddiehor izda irrizulta li l-kamra tal-banju kienet ghandu u marret tigborha minnghandu.

Illi mill-affidavit ta' Eman (Emmanuel) Camilleri[9] irrizulta li huwa missier Guza Camilleri li tigi l-gar li tghix taht ir-rikorrenti. Kien hemm xi zmien meta ommu kellha problemi mar-rikorrenti minhabba l-propjeta' tar-rikorrenti li kienet qeda tkun ta' detriment ghal ommu.

Darba minnhom ommu cemplitlu tibki bil-lejl, f'Ottubru 2016, ghaliex beda niezel l-ilma minn gos-saqaf ghal fuqha waqt li kienet rieqda. Kien hemm ukoll ir-rikorrenti li nizlet fil-propjeta' taghha biex tara minn fejn kien diehel l-ilma. F'dan iz-zmien kienu qedin issiru xi xogholijiet fil-propjeta' tar-rikorrenti.

Camilleri kien mar fuq il-post u ra l-ilma diehel fil-kamra tas-sodda ta' ommu u kien wissa lir-rikorrenti sabiex tara li l-haddiem jaghmlu xogholhom sew ghaliex kien ser izommha responsabbli ghal dak kollu li seta jigri lil ommu minhabba dan in-nuqqas. Ir-rikorrenti kienet spjegatlu li l-haddiema kienu qed ituha t-torturi sabiex jaghmlu x-xoghol.

---

[9] Dok C, Folio 70-72 ta' l-atti processwali

Wara numru ta' gimghat rega dahal l-ilma fl-istess kamra tas-sodda u kien dahhal ukoll ilma fil-kcina. Kien tkellem mar-rikorrenti li kienet ghadha qeda tifaccja l-problemi mal-haddiema. Camilleri kien ha interess fix-xogholijiet izda wara gimghat shah xorta ma kien issir xejn u darba minnhom sab katusa ta' l-ilma tax-xita ta' ommu stess maqtugha u mormija fuq il-bejt ta' ommu.

Mill-affidavit ta' Emanuel Portelli irrizulta li kien hu r-rikorrenti u jahdem bhala *assistant electrician.* Ohtu kienet xtrat post antik l-Marsa li kellu bzonn hafna xoghol u ghalhekk kienet qabdet lil Twannie Borg bhala bennej. Portelli qatt ma iltaqa mal-bennej izda kien sar jaf lil gar taghha Guza Camilleri minhabba problemi li kienu inqalghu fil-propjeta. Camilleri kienet icempel lir-rikorrenti u gieli anke lilu kull meta kien jidhlilha hafna ilma meta kienet taghmel ix-xita.

Portelli kien jinsisti ma ohtu biex tigri wara l-bennej halli jaghlaq il-gandotti jew inkella jibda jtella' l-binja biex ma jibqax jidhol ilma ghand in-nies. Gieli kien anke nizel jghin lil ohtu tnaddaf il-gandotti biex ma jinzilz ilma ghand Guza Camilleri jekk jista' jkun.

Ir-rikorrenti gieli cemplet lil bennej quddiemu u minkejja li kienet icempillu ma kienx jitfaccja. Wara xi xharejn, tlieta, l-bennej mar jaghlaq il-gandotti u dak iz-zmien kien ghint lit-tifel ta' Guza Camilleri jaqilghu s-soffitti biex ikunu jistghu jaraw xi hsara kien hemm fix-xorok. Il-bennej kellu jizbohilha l-kamra izda ma ghamel xejn, u imbaghad darba minnhom bghatt xi haddiem fil-

hdax ta' bil-lejl u Guza Camilleri kienet irrifjutat li jsir xoghol dak il-hin. Sussegwentement spicca ibajjad kollox Portelli stess.

Minhabba dan kollu kien hemm ukoll hafna hsarat fil-propjeta tar-rikorrenti u li x-xoghol li kien sar mill-bennej kien xoghol hazin.

Portelli ikonferma wkoll li qatt ra ma lil ohtu tghaddi flus lil bennej minhabba ghaliex kienet infurmatu li kienet tghaddilu l-flus b'trasferiment tal-bank.

**Ikkunsidrat:**

Il-konvenuti ghazlu li ma jikkontestax attivament u formalment it-talba tar-rikorrenti ghall-hlas u jistghu jitqiesu li huma kontumaci f'dawn il-proceduri. Madankollu, jehtieg li jigi sottolineat illi l-kontumacja m'hijiex ammissjoni izda ghandha titqies mill-Qorti bhala kontestazzjoni u ghalhekk anke f'kawza fejn il-konvenut hu kontumaci, tapplika ir-regola illi min jallega jrid jipprova: *ei incumbit probation qui dicit non qui negat*. Wara kollox, l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 jipprovdi illi:

*"Bla hsara ta' kull dispozizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallega."*

Kif gie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Rea Ceramics Limited vs Kunsill Malti ghall-Isport et**, moghtija fit-18 ta' Lulju 2014:

*"... kif jghid l-Artikolu 158[10] tal-Kap. 12 il-konvenut kontumaci jiddefendi ruhu kontra t-talba tal-attur, u dan fuq il-principju li l-kontumacja mhijiex ammissjoni jew semplici walk-over izda hija kontestazzjoni u allura xorta wahda l-attur jibqalu l-oneru li jressaq provi sodisfacenti in sostenn tat-talba tieghu."*

Illum fil-ligi procedurali nostrana, il-kontumaci huwa ppenalizzat billi ma jithalliex jikkontradixxi l-fatti mressqin mill-attur u lanqas jithalla jressaq il-provi tieghu. Id-difiza tieghu hija ghalhekk imdghajjfa sew. Madanakollu, bis-sahha tal-emendi li sehhew fil-Kap. 12 bl-introduzzjoni tal-Att XXIV tal-1995, il-konvenut inghata l-fakolta` li minkejja s-sanzjoni tal-kontumacja, iressaq sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruhu kontra t-talba tal-attur.

Fil-kaz odjern izda, il-konvenuti kif rajna la dehru quddiem il-Qorti biex jikkontestaw l-kawza, la pprezentaw eccezzjonijiet u lanqas talbu illi jipprezentaw xi sottomissjonijiet bil-miktub. Maghdud dan, minkejja li l-Qorti xorta wahda taghtom xharejn zmien sabiex jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet il-konvenuti ma uzufruwixxewx ruhhom minn din l-ahhar opportunita`.

Madanakollu, dan ma jfissirx illi b'daqshekk ir-rikorrenti hija mehlusa milli tipprova b'mod sodisfacjenti illi t-talba taghha ghall-hlas hija misthoqqa.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Quantum fit-talba**

Minn ezami ta' l-affidavits u dokumenti esebiti jirrizulta u gie ppruvat li saru s-segwenti pagamenti lil Antoine Borg u Ruth Dingli mir-rikorrenti.

Pagamenti ghax-xogholijiet

1. €4800 – Nhar il-24 ta' Settembru 2016. Dok JP1.[10]
2. €400 – Nhar it-3 ta' Ottubru 2016 – Dok JP2[11]
3. €400 – Nhar it-2 ta' Novembru 2016 – Dok JP2
4. €400 – Nhar it-2 ta' Dicembru 2016 – Dok JP2
5. €400 – Nhar il-20 ta' Mejju 2017 – Dok JP4 u JP7[12]
6. €400 – Nhar il-12 ta' Gunju 2017 – Dok JP4 u JP7
7. €700 – Nhar it-3 ta' Lulju 2017 – Dok JP8[13]

Total: €7,500

Pagamenti ghall-materjali

8. €272.58 – Dok JP3[14]
9. €325 – Dok JP5[15]
10. €427 – Dok JP6[16]

---

[10] Dok JP1, Folio 55 ta' l-atti processwali
[11] Dok JP2, Folio 56-58 ta' l-atti processwali
[12] Folio 60 u 63 ta' l-atti processwali
[13] Folio 64 ta' l-atti processwali
[14] Folio 59 ta' l-atti processwali
[15] Folio 61 ta' l-atti processwali

11.€250 – Imhallsin flus kontanti.[17]

Total: €1,274.58

Somma totali €8774.58

Skond ir-rikorrenti l-perit maqbud minnha *ex parte* stma x-xogholijiet fl-ammont ta' €750.

Fin-nota tar-rikorrenti tiddikjara li hija hallset is-somma totali ta' €7,774, u li minnhom ghandhom jigu mnaqqsa l-amont ta' €750 sabiex hi tirkupra l-ammont ta' €7,055.

Mentri meta tnaqqas €750 minn €7,774 l-ammont finali huwa ta' **€7,024.**

Madankollu l-Qorti tara li s-somma globali hija ta' €8774.58 u meta jitnaqqsu l-ammont ta' €750 ihalli s-somma ta' **€8,024.58**.

Jekk il-Qorti ikollha timxi fuq il-valur tax-xogholijiet biss, u cioe, €7,500 u jerga naqqas l-ammont ta' €750, is-somma rimanenti hija ta' **€6,750** rapprezentati xogholijiet.

Madankollu l-Qorti tosserva li r-rikorrenti qed taghmel talba ghas-somma ta' €7,055 u hekk kif jidher mil-kalkoli hawn fuq

---

[16] Folio 62 ta' l-atti processwali

[17] Affidavit ta' Josianne Portelli, Folio 51 ta' l-atti processwali

mahduma, il-pretensjoni tar-rikorrenti ma tikkorrispondix mal-provi prodotti minnha stess u s-somom kif mitluba u prezentati. B'hekk il-Qorti thalliet fid-dlam dwar kif ir-rikorrenti qed tibbaza t-talba taghha u tiggustifika l-ammont mitlub minnha.

Il-Qorti tosserva illi r-rikorrenti ma ressqitx prova konsistenti tal-ammont minnha f'din il-kawza, cioe' dwar l-ammont li qed tippretendi li l-intimati jhallsuha u dan ihalli dubji serji dwar it-talba tar-rikorrenti.

**Rapport ta' Perit**

Illi fit-talba tar-rikorrenti jinghad li *dan ix-xoghol li sar kien stmat minn Perit Arkitett li diga' huwa mnaqqas mis-somma globali pretiza, u dan kif ser ikun ippruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.*

Tajjeb jinghad ukoll li r-rikorrenti ma talbitx ghall-hatra ta' perit tal-Qorti u lanqas ma ressqet perit ex parte in sostenn tat-talbiet taghha.

Illi rapport bhal dan seta' jitfa' dawl u jservi ta' prova sufficjenti dwar ix-xogholijiet pretizi, ghal liema xoghlijiet jidher li kien giet ottjenut permess mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar. L-istess rapport seta' facilment jiddentifika liema xogholijiet fil-fatt saru mill-intimati kif ukoll juri u jikkonferma liema xogholijiet saru hziena u mhux skond is-sengha jew kif mifthema.

Madankollu r-rikorrenti ma ressqet ebda prova bhal din. Hija lanqas biss tipproduci xi ritratti biex tispjega x-xoghol hazin, wisq anqas tezebixxi r-rapport tal-Perit li ssemmi fl-avviz promotur taghha.

**Permess tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

Fl-affidavit tar-rikorrenti, hija tilmenta li l-intimat ghamel xogholijiet hziena meta unilateralment iddecieda li jiddevja mill-pjanijiet li gew approvati skond il-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar u bena kamra minn jeddu minghajr il-kunsens jew gharfien tar-rikorrenti. Jirrizulta wkoll li r-rikorrenti ma ressqetx prova dwar il-permess moghti mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar dwar ix-xogholijiet mifthema jew imqar gabet prova mill-Awtorita' stess li dan il-permess kien inghata sabiex isiru xogholijiet fil-propjeta' taghha, mertu ta' din il-kawza.

**Il-grad tal-prova**

Illi r-rikorrenti kienet fid-dmir li tipprezenta provi iktar skjetti in sostenn tat-talba ghall-hlas, liema provi bla dubju setghu jkunu aktar facilment kalkolabbli wara li l-konvenuti, jew in-nies imqabbda minnhom, kienu telqu minn fuq il-lant tax-xoghol, u ghalhekk stampa tal-istat tax-xogholijiet sa dakinhar kienet isservi ta' stampa cara ta' dak li r-rikorrenti qeghda tippretendi f'din il-kawza.

Fin-nuqqas ta' provi sufficjenti dwar il-valur tax-xogholijiet li saru, kif ukoll dwar x'xogholijiet effettivament twettqu fil-propjeta' bin-numru 30, Triq San Frangisk, Marsa, din il-Qorti m'ghandhiex ma tqisx li ghandha prova adegwata fuq xiex tista' tistrieħ.

Naturalment, huwa principju accettat li huwa l-attur li jrid jipprova t-talba tiegħu biex din tiġi milqugħa. Dan mhux biss skond id-dispost tal-**artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** izda anke skond id-dettam *onus probandi incubit qui dicit non ei qui negat* (ara l-kawzi (**Dottor Herbert Lenicker vs Joseph Camilleri**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 31 ta' Mejju 1972; u **Peter Paul Aquilina vs Paul Vella,** Appell Inf., 2 ta' Mejju 1995). Fl-ahhar sentenza hawn citata, il-Qorti tghallem li *"l-attur f'kawża ma jistax jistenna li l-Qorti tagħmel ix-xogħol tiegħu u dan l-aktar meta huwa min jallega li jrid jipprova."* Huwa principju rassodat li l-mera possibilita' mhijiex sufficjenti biex tirradika r-responsabbilita' civili (**Frank Giordmania Medici et noe vs William Rizzo et**, (PA (NC), 28 ta' April 2004).

Proprju ghalhekk ir-rikorrenti kienet fid-dmir, la darba qeda tallega li l-konvenut ghamel xogholijiet hziena u mhux kif mifthema, li tipprova dan. Kemm-il darba din il-prova ma tingiebx, il-Qorti jkollha tqis li l-parti rikorrenti tkun naqset milli twettaq il-parti probatorja taghha kif mehtieg u kif mistenni li jsir.

Huwa nuqqas tar-rikorrenti li tressaq l-ahjar prova (skond id-disposizzjonijiet tal-**Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta**) u li din il-prova

tkun wahda konkreta ta' dak li qeda tallega (ara wkoll **Adam Bugeja vs Charles Falzon et**, PA (JA), 23 ta' Ottubru 2013). Detto questo, dan ma jfissirx li l-provi migjuba mir-rikorrenti ghandhom jigu skartati, altru milli hekk.

Il-Qrati taghna jghallmu li "*[i]l-konflitti ta' provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi,* ***ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant***" (**Farrugia vs Farrugia**, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 24 ta' Novembru 1966, Vol XXXVI, P.I, p.319).

Fis-sentenza **Bugeja vs Falzon et** (hawn fuq imsemmija) il-Qorti tghid li "*[f]il-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet.*" Verament, fil-kawzi civili, (anke kif konfermat fis-sentenza hawn fuq imsemmija fl-ismijiet **Farrugia vs Farrugia**),"*mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma*

*tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo". (*Ara l-istess principju fis-sentenza **George Bugeja vs Joseph Meilak**, PA (TM), 30 ta' Ottubru 2003 u **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe,** PA (PS) 28 ta' April 2003).

Il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet. Imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet (**Eucaristo Zammit vs Eustrachio Petrococchino**, Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952; **Paul Vassallo vs Carmelo Pace**, Appell, 5 ta' Marzu 1986). Meta mbaghad dik ic-certezza ma tirrizultax a bazi tal-preponderanza tal-provi migjuba fil-kawza, mel'allura l-gudikant isib ruhu jdejh marbuta li japplika il-principju tal-*in dubio pro reo* u jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

In vista ta' dawn l-insenjamenti, il-Qorti jidhrilha li l-verzjoni moghtija mir-rikorrenti mhijiex bizzejjed biex tissoddisfa l-grad tal-prova rikjest mil-ligi sabiex din il-Qorti tista' tilqa' t-talbiet taghha.

Fis-sentenza **Sue Rossi vs Dr. Joseph sive Josie Muscat pro et noe** (deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Gunju 2008) jinghad illi:

*Il-Qorti ma tridx timxi f'dan ir-rigward fuq il-kuncett ta' mere possibility izda fuq wiehed ta' moral certainty...[omissis]… Gie ribadit fil-gurisprudenza nostrana li: "Il-Qrati Taghna fuq l-iskorta ta' awturi Inglizi eminenti jaghmlu distinzjoni bejn il-prova li jehtieg li ssir f'kawza kriminali u l-prova li ghandha ssir f'kawza civili fis-sens illi filwaqt li f'kawza kriminali, l-htija tal-akkuzat trid tigi ppruvata "beyond reasonable doubt," f'kawza civili bizzejjed li jkun hemm "moral certainty", certezza morali f'mohh il-gudikant izda mhux bizzejjed li jkun hemm "a mere possibility". "**Din ic-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti ppruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabilment jemergu minn dawn il-fatti. Ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili, hija l-effett tal-"balance of probabilities**." (Ara Paul Vassallo et vs Carmelo Pace, Appell Civili deciza fil-5 ta' Marzu 1986, u Zammit vs Petrococchino noe deciza fil- 25 ta' Frar 1952).*

In konkluzjoni, il-Qorti hija tal-fehma illi l-ammont mitlub mir-rikorrenti ma jistax jitqies li huwa gustifikat u ghalhekk it-talbiet taghha ghandhom jigu michuda.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, abbazi tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula, tichad t-talba tar-

rikorrenti Josianne Portelli, bl-ispejjez, fic-cirkostanzi tal-kaz, jibqghu minghajr taxxa.

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**